32006D0255



# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-14 ta' Marzu 2006**

**dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimponu, fis-*supermarkets*, it-tqegħid ta' oġġetti ta' l-ikel modifikati ġenetikament fuq l-ixkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament, notifikati minn Ċipru skond l-Artikolu 95(5), tat-Trattat tal-KE**

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 797)*

**(It-test Grieg biss huwa awtentiku)**

(2006/255/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95(5) tiegħu,

Billi:

## I. PREŻENTAZZJONI TAL-FATTI:

(1) B'ittra ddatata fil-15 ta' Settembru 2005, il-President tal-Kummissjoni għall-Ambjent tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Ċipru nnotifika lill-Unjoni Ewropea, skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE, b'abbozz ta' liġi ta' l-2005 li temenda l-liġijiet dwar l-oġġetti ta' l-ikel (monitoraġġ u bejgħ) mill-1996 sa l-2005 (imsejħa "leġiżlazzjoni fundamentali") li timponi, fis-*supermarkets*, it-tqegħid ta' l-oġġetti ta' l-ikel modifikati ġenetikament fil-postijiet speċifikament maħsuba għal dan il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament (minn hawn 'il quddiem "l-abbozz ta' liġi") b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1829/2003 ([1]) u (KE) Nru 1830/2003 ([2]).

### 1. L-Artikolu 95, paragrafi 5 u 6, tat-Trattat tal-KE

(2) L-Artikolu 95, paragrafi 5 u 6, tat-Trattat tal-KE jgħid:

"5. … Jekk wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni Stat Membru jqis li jkun jeħtieġlu jintroduċi dispożizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq provi xjentifiċi ġodda li jkollhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-ambjent jew ta' l-ambjent tax-xogħol minħabba problema speċifika ta' dak l-Istat Membru, li tkun qamet wara l-adozzjoni tal-miżura ta' armonizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu maħsuba kif ukoll bir-raġunijiet għall-adozzjoni tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur minnotifiki previsti fil-paragrafi (…) 5, tadotta deċiżjoni Ewropea li tapprova jew tirrifjuta d-disposizzjonijiet nazzjonali involuti wara li tkun ivverifikat jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni mmaskrata kontra l-kummerċ bejn Stati Membri jew le u jekk jikkostitwux xkiel għall-funzjonament tas-suq intern jew le.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni f'dan it-terminu ta' żmien, id-disposizzjonijiet nazzjonali previsti fil-paragrafi (…) 5 għandhom jitqiesu li ġew approvati."

### 2. Dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati:

(3) L-abbozz ta' liġi għandu jissejjaħ "liġi (ta' emenda) dwar l-oġġetti ta' l-ikel (monitoraġġ u bejgħ) (Artikolu 2) ta' l-2005" u għandu jinqara flimkien mal-liġijiet dwar l-oġġetti ta' l-ikel (monitoraġġ u bejgħ) mill-1996 sa l-2005 (iddeżinjati minn hawn 'il quddiem bit-termini "leġiżlazzjoni fundamentali"). Dan kollox, li jinkludi l-leġiżlazzjoni fundamentali u l-abbozz ta' liġi għandu jkun deżinjat mit-termini "liġi dwar l-ikel (monitoraġġ u bejgħ) mill-1996 sa l-2005 (Artikolu 2)".

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

(4) Dan l-abbozz ta' liġi għandu l-għan li jemenda il-"leġiżlazzjoni fundamentali" biż-żieda ta' l-Artikolu 22(1) il-ġdid li jinqara hekk: "f'kull supermarket, l-ikel modifikat ġenetikament jitqiegħed f'post speċifikament maħsub għal dan il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament".

(5) In-negozjant li jikser id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jew li jonqos milli jikkonforma magħhom huwa ħati ta' delitt kriminali u jista' jeħel multa li ma taqbiżx tlett elef lira Ċiprijotta, jew f'każ li dan jerġa' jseħħ, jeħel multa li ma taqbiżx sitt elef lira jew piena ta' ħabs ta' massimu ta' sitt xhur, jew dawn iż-żewġ pieni flimkien.

(6) L-abbozz ta' liġi jiddefinixxi lin-"negozjant" bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika jew kull organizzazzjoni pubblika jew privata responsabbli minn *supermarket* jew is-sid tiegħu"; dan ikopri s-sid jew l-azzjonist prinċipali, l-amministratur, id-direttur ġenerali u kull persuna oħra li tiggarantixxi l-kontroll jew il-ġestjoni tas-*supermarket* imsemmi u bis-setgħa li tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-funzjonament ta' dan ta' l-aħħar.

(7) L-abbozz ta' liġi jippreċiża wkoll li t-terminu ikel modifikat ġenetikament għandu jkollu t-tifsira riservata għalih fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

3. **Ġustifikazzjonijiet imressqa minn Ċipru:**

(8) Skond l-awtoritajiet Ċiprijotti, l-għan ta' l-abbozz ta' liġi huwa li jipproteġi lill-konsumatur. Fil-fatt, skond dawn l-awtoritajiet, il-konsumaturi jagħrfu u jiddistingwu aktar faċilment it-tipi differenti ta' prodotti u jagħżlu l-prodotti li effettivament iridu jixtru meta l-prodotti li fihom OMĠ jitpoġġew fuq xkafef separati.

## II. PROĊEDURA

(9) B'ittra ddatata fil-15 ta' Settembru 2005, il-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Ċipru informat lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat dwar l-eżistenza ta' abbozz ta' liġi bil-għan li timponi fis-*supermarkets*, it-tqegħid ta' l-oġġetti ta' l-ikel modifikati ġenetikament fil-postijiet speċifikament maħsuba għal dan il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1829/2003 u (KE) Nru 1830/2003 u fid-dawl ta' l-Artikoli 37, 95 u 152(4)(b) tat-Trattat tal-KE li jifforma l-bażi ġuridika tar-Regolamenti kkwotati qabel.

(10) B'ittra ddatata fil-11 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet Ċiprijotti li waslitilha n-notifika tagħhom skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE u li l-perjodu ta' sitt xhur previst għall-valutazzjoni tagħha skond l-Artikolu 95(6), beda mis-16 ta' Settembru 2005, jiġifieri l-għada tal-wasla tan-notifika.

(11) B'ittra ddatata fl-20 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni informat l-Istati Membri l-oħra bit-talba mibgħuta mir-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll notifika dwar din it-talba fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* bil-għan li tinforma l-partijiet interessati l-oħra bl-abbozz ta' miżuri nazzjonali li r-Repubblika ta' Ċirpu bi ħsiebha tadotta.

## III. VALUTAZZJONI ĠURIDIKA

(12) Il-proċedura ta' deroga prevista fl-Artikolu 95(5) tat-Trattat hija maħsuba biss għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali bil-għan li jilħqu l-għanijiet elenkati fih. Għalhekk, notifika minn Stat Membru li ma tirriferix għan wieħed minn dawn l-għanijiet għandha tkun dikjarata mhux ammissibbli fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat tal-KE.

(13) L-abbozz ta' liġi jesiġi t-tqegħid, fis-*supermarkets*, ta' l-ikel modifikat ġenetikament f'post speċifikament maħsub għal dan il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament. Fl-ittra ta' spjegazzjoni li takkumpanja l-abbozz ta' liġi, l-awtoritajiet Ċiprijotti qiesu li dan l-abbozz jista' jkun ta' interferenza mad-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar li jinsabu fir-Regolamenti (KE) Nru 1829/2003 u (KE) Nru 1830/2003. Minbarra dan, dawn l-istess awtoritajiet indikaw biċ-ċar li l-għan marbut ma' din il-miżura huwa li l-konsumaturi jingħataw il-possibilità li jiddistingwu aħjar l-ikel modifikat ġenetikament minn ikel ieħor u biex ikunu jistgħu jagħmlu għażla informata tal-prodott.

(14) In-notifika Ċiprijotta ma fihiex l-ebda referenza għal xi wieħed miż-żewġ għanijiet previsti fl-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni mhijiex f'qagħda li twettaq il-verifika prevista mill-paragrafu 6 ta' din id-dispożizzjoni. Il-Kummissjoni mhux se tieħu opinjoni dwar il-kwistjoni jekk in-notifika taqax fil-qasam armonizzat mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, lanqas dwar il-konformità tal-miżura mad-dritt Komunitarju jew mar-regoli tad-WTO.

IV. **KONKLUŻJONI**

(15) Il-Kummissjoni tqis għaldaqstant li n-notifika mressqa mill-awtoritajiet Ċiprijotti ma fihiex l-elementi li jippermettu li tiġi eżaminata l-miżura prevista fir-rigward ta' l-Artikolu 95, paragrafi 5 u 6 tat-Trattat tal-KE. B'hekk, il-Kummissjoni tqis in-notifika bħala mhux ammissibbli.

(16) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u mingħajr preġudizzju għal kull valutazzjoni li l-Kummissjoni tista' twettaq f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompatibilità mad-dritt Komunitarju tal-miżuri nazzjonali notifikati, il-Kummissjoni hi għalhekk tal-fehma li n-notifika tar-Repubblika ta' Ċipru fir-rigward ta' l-obbligu li fis-*supermarkets*, l-oġġetti ta' l-ikel modifikati ġenetikament jitqiegħdu f'postijiet speċifikament maħsuba għal dak il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament, hekk kif imressqa fil-15 ta' Settembru 2005, b'referenza għall-Artikolu 95(5) tat-Trattat, mhijiex ammissibbli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

In-notifika dwar l-abbozz ta' liġi bil-għan li timponi fis-*supermarkets*, it-tqegħid ta' l-oġġetti ta' l-ikel modifikati ġenetikament fil-postijiet speċifikament maħsuba għal dan il-għan, fuq xkafef separati minn dawk tal-prodotti mhux modifikati ġenetikament li r-Repubblika ta' Ċipru ressqet lill-Kummissjoni fil-15 ta' Settembru 2005 skond l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE hija ddikjarata mhux ammissibbli.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*